



UNJONI EWROPEA

IL-PARLAMENT EWROPEW

IL-KUNSILL

**Brussell, 11 ta' Marzu 2021
(OR. en)**

**2018/0232 (COD)
LEX 2062**

PE-CONS 7/21

**UD 80
ENFOCUSTOM 29
MI 124
COMER 24
TRANS 108
ECOFIN 202
CODEC 289
CADREFIN 99**

REGOLAMENT

**TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL
LI JISTABILIXXI L-PROGRAMM "DWANA"
GĦAL KOOPERAZZJONI FIL-QASAM TAD-DWANA
U LI JĦASSAR IR-REGOLAMENT (UE) NRU 1294/2013**

REGOLAMENT (UE) 2021 /...
TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

tal-11 ta' Marzu 2021

**li jstabilixxi l-programm "Dwana" għal kooperazzjoni fil-qasam tad-dwana
u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 1294/2013**

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 33, 114 u 207 tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Wara li l-abbozz tal-att leġiżlattiv intbagħat lill-parlamenti nazzjonali,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew¹,

Filwaqt li jaġixxu f'konformità mal-proċedura leġiżlattiva ordinarja²,

¹ ĠU C 62,15.2.2019, p.45.

² Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew tas-16 ta' April 2019 [(ĠU ...)/(għadha ma ġietx ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali)] u l-Pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari tal-1 ta' Marzu 2021 [(ĠU ...)...]/(għadha ma ġietx ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali)]. Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew ta' ... [(ĠU ...)/(għadha ma ġietx ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali)].

Billi:

- (1) Il-programm Dwana 2020 stabbilit taħt ir-Regolament (UE) Nru 1294/2013¹ u l-programmi predeċessuri tiegħu kkontribwew b'mod sinifikanti biex jiffaċilitaw u jtejbu l-kooperazzjoni doganali bejn l-awtoritajiet tad-dwana, kif ukoll biex isaħħu l-kapaċitajiet tagħhom amministrattivi, umani u dawk tat-teknoloġija tal-informazzjoni (IT). Peress li bosta mill-attivitajiet tal-awtoritajiet doganali huma ta' natura transfruntiera, mod aktar effettiv u effiċjenti biex tiġi żviluppata tali kooperazzjoni jrid joffri lill-Istati membri qafas li fih jista' jsir dan billi jiġi stabbilit programm doganali fil-livell tal-Unjoni, implimentat mill-Kummissjoni. Barra minn hekk, il-programm Dwana 2020 wera li huwa kosteffiċjenti u ġab valur reali għal oqfsa ta' kooperazzjoni doganali oħra stabbiliti fuq bażi bilaterali jew multilaterali. Minbarra dan, il-programm Dwana 2020 ikkontribwixxa għas-salvagwardja tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni u tal-Istati Membri billi appoġġa l-ġbir effettiv tad-dazji doganali. Barra minn hekk, proċeduri doganali armonizzati huma importanti biex jinkisbu riżultati ekwivalenti fil-prevenzjoni tal-frodi u tal-flussi transfruntiera illegali tal-merkanzija. Huwa għaldaqstant xieraq, effiċjenti u fl-interess tal-Unjoni li jibqgħu jiġu ffinanzjati attivitajiet fil-qasam tal-kooperazzjoni doganali billi jiġi stabbilit programm ġdid, il-programm "Dwana" ("il-Programm").

¹ Regolament (UE) Nru 1294/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi programm ta' azzjoni għad-dwana fl-Unjoni Ewropea għall-perijodu 2014-2020 (Dwana 2020) u jirrevoka d-Deċiżjoni Nru 624/2007/KE, ĠU L 347, 20.12.2013, p. 209.

(2) Għal 50 sena, l-unjoni doganali kienet waħda mill-pedamenti tal-Unjoni, li hija waħda mill-akbar blokok kummerċjali fid-dinja. L-unjoni doganali hija eżempju sinifikanti ta' integrazzjoni ta' suċċess tal-Unjoni u hija essenzjali għall-funzjonament tajjeb tas-suq intern għall-benefiċċju kemm tan-negozji kif ukoll taċ-ċittadini. L-unjoni doganali evolviet b'mod konsiderevoli tul dan il-perijodu u l-awtoritajiet doganali qed iwettqu b'suċċess firxa wiesgħa ta' kompiti fil-fruntieri. Filwaqt li jaħdmu flimkien, huma jistinkaw biex jiffaċilitaw kummerċ leġittimu u ġust, inaqqsu l-burokrazija, jiġbru dħul għall-baġits nazzjonali u tal-Unjoni, u jgħinu biex jiproteġu liċ-ċittadini minn theddid terroristiku, ambjentali, għas-saħħa u theddid ieħor. B'mod partikolari, bl-introduzzjoni ta' qafas komuni għall-ġestjoni tar-riskju fil-livell tal-Unjoni u bil-kontroll tal-flussi ta' flus kontanti biex jiġu miġġielda l-ħasil tal-flus u l-finanzjament tat-terroriżmu, l-awtoritajiet doganali għandhom rwol importanti fil-ġlieda kontra t-terroriżmu, il-kriminalità organizzata u l-kompetizzjoni inġusta. Minħabba l-mandat estensiv tagħhom, l-awtoritajiet doganali huma effettivament l-awtoritajiet prinċipali għall-kontroll tal-merkanzija fil-fruntieri esterni tal-Unjoni. Unjoni aktar b'saħħitha u aktar ambizzjuża tista' tinkiseb biss jekk ikunu disponibbli r-riżorsi meħtieġa. F'dak il-kuntest, jenħtieġ li l-Programm ma jkoprix biss il-kooperazzjoni doganali, iżda jenħtieġ li jagħti wkoll appoġġ għall-missjoni usa' tal-awtoritajiet doganali, kif previst fl-Artikolu 3 tar-Regolament (UE) Nru 952/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹, jiġifieri s-superviżjoni tal-kummerċ internazzjonali tal-Unjoni, biex b'hekk jikkontribwixxu għall-implimentazzjoni tal-aspetti esterni tas-suq intern, tal-politika kummerċjali komuni u tal-linji politiċi komuni l-oħrajn tal-Unjoni li jaffettwaw il-kummerċ u s-sigurtà fil-katina kollha tal-forniment.

¹ Ir-Regolament (UE) Nru 952/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Ottubru 2013 li jistabbilixxi l-Kodiċi Doganali tal-Unjoni (ĠU L 269 tal-10.10.2013, p. 1).

Għaldaqstant, jenħtieġ li l-bażi ġuridika ta' dan ir-Regolament tkopri l-kooperazzjoni doganali kif previst fl-Artikolu 33 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE), is-suq intern, kif previst fl-Artikolu 114 TFUE u l-politika kummerċjali komuni, kif previst fl-Artikolu 207 TFUE.

- (3) Jenħtieġ li l-Programm jassisti lill-Istati Membri u l-Kummissjoni billi jipprovdi qafas għal azzjonijiet li jkollhom l-għan li jappoġġaw lill-unjoni doganali u l-awtoritajiet doganali li jaħdmu flimkien u li jaġixxu bħala entità waħda; li jikkontribwixxu għall-protezzjoni tal-interessi finanzjarji u ekonomiċi tal-Unjoni u tal-Istati Membri tagħha; li jiżguraw s-sigurtà u s-sikurezza tal- Unjoni u tar-residenti tagħha, biex b'hekk jikkontribwixxu għall-protezzjoni tal-konsumatur; li jipproteġu lill-Unjoni minn prattiki kummerċjali inġusti u illeċiti, filwaqt li jiffaċilitaw attività kummerċjali leġittima; u li jiffaċilitaw il-kummerċ leġittimu sabiex in-negozji u ċ-ċittadini jkunu jistgħu jibbenefikaw mill-potenzjal sħiħ tas-suq intern u l-kummerċ dinji.
- (4) Id-dwana hija qasam dinamiku ta' politika li qed jiffaċċja sfidi ġodda, bħall-globalizzazzjoni, xejriet ġodda fil-frodi u l-kuntrabandu, u d-diġitalizzazzjoni. Dawn l-isfidi jżidu d-domanda għal appoġġ lill-awtoritajiet doganali u jirrikjedu soluzzjonijiet innovattivi. Huma jissottolinjaw ulterjorment il-ħtieġa li tissaħħaħ il-kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet doganali.

- (5) Sabiex tiġi żgurata l-kosteffettività, jenħtieġ li l-Programm jisfrutta sinerġiji possibbli ma' miżuri oħra tal-Unjoni f'oqsma relatati, bħall-programm Fiscalis li ser jiġi stabbilit b'Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi l-programm "Fiscalis" għal kooperazzjoni fil-qasam tat-tassazzjoni, l-istrument ta' appoġġ finanzjarju għat-tagħmir ta' kontroll doganali li see jiġi stabbilit b'Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi, bħala parti mill-Fond għall-Ġestjoni Integrata tal-Fruntieri, l-istrument għal appoġġ finanzjarju għat-tagħmir ta' kontroll doganali (l-ir-“Regolament dwar l-Istrument għat-Tagħmir ta' Kontroll Doganali”), il-Programm tal-Unjoni kontra l-Frodi, l-istrument għall-appoġġ finanzjarju għall-ġestjoni tal-fruntieri u għall-viżi li ser jiġi stabbilit b'Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi il-Programm tal-Unjoni kontra l-Frodi bħala parti mill-Fond għall-Ġestjoni Integrata tal-Fruntieri, l-istrument għal appoġġ finanzjarju għall-ġestjoni tal-fruntieri u għall-viżi (BMVI), il-Fond għas-Sigurtà Interna li għandu jiġi stabbilit b'Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi l-Fond għas-Sigurtà Interna, il-Programm tas-Suq Uniku li ser jiġi stabbilit b'Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi li jistabbilixxi l-Programm għas-suq intern, għall-kompetittività tal-intrapriżi, inkluż l-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju, għall-qasam tal-pjanti, l-annimali, l-ikel u l-għalf, u għall-istatistika Ewropea(Programm tas-Suq Uniku),

il-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza stabbilita bir-Regolament (UE) 2021/241 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹ u l-Istrument ta' Appoġġ Tekniku stabbilit bir-Regolament (UE) 2021/240 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill².

- (6) Fid-dawl tal-importanza li jiġi indirizzat it-tibdil fil-klima, u f'konformità mal-impenji tal-Unjoni biex jiġi implimentat il-Ftehim ta' Pariġi³, u biex jintlaħqu l-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli tan-Nazzjonijiet Uniti tal-Aġenda 2030 għall-Iżvilupp Sostenibbli adottata fil-25 ta' Settembru 2015, jenħtieġ li l-azzjonijiet taħt dan ir-Regolament jikkontribwixxu biex jintlaħaq l-għan tal-Unjoni li tonfoq mill-inqas 30 % tal-ammont totali tal-baġit tal-Unjoni f'appoġġ għall-oġettivi klimatiċi u l-ambizzjoni tal-Unjoni li tonfoq 7.5 % tal-baġit annwali tal-Unjoni fuq il-biodiversità fl-2024 u 10 % kemm fl-2026 u fl-2027, filwaqt li jitqiesu d-duplikazzjonijiet eżistenti bejn il-miri klimatiċi u dawk tal-biodiversità.

¹ Regolament (UE) 2021/241 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Frar 2021 li jistabbilixxi l-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza (ĠU L 57, 18.2.2021 p. 17).

² Regolament (UE) 2021/240 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-10 ta' Frar 2021 li jistabbilixxi l-Istrument ta' Appoġġ Tekniku (ĠU L 57, 18.2.2021, p. 1).

³ ĠU L 282, 19.10.2016, p. 4.

- (7) Dan ir-Regolament jistabbilixxi pakkett finanzjarju għal-Programm, li għandu jikkostitwixxi l-ammont ta' referenza primarja, skont it-tifsira tal-punt 18 tal-Ftehim Interistituzzjonali tas-16 ta' Diċembru 2020 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u l-Kummissjoni Ewropea dwar dixxiplina baġitarja, dwar kooperazzjoni f'materji ta' baġit u dwar ġestjoni finanzjarja tajba kif ukoll dwar riżorsi proprji ġodda, inkluż pjan direzzjonali lejn l-introduzzjoni ta' riżorsi proprji ġodda¹, għall-Parlament Ewropew u l-Kunsill matul il-proċedura baġitarja annwali. Biex titqies eliġibbli għal finanzjament, jenħtieġ li kwalunkwe nefqa mhux prevista tkun direttament relatata mal-oġettivi tal-Programm. Jenħtieġ li l-pakkett finanzjarju tal-Programm ikopri l-ispejjeż meħtieġa u debitament iġġustifikati għall-ġestjoni tal-Programm u l-evalwazzjoni tal-prestazzjoni tiegħu, dment li dawk l-attivitajiet ikunu relatati mal-oġettivi ġenerali u speċifiċi tal-Programm.
- (8) Sabiex jappoġġa l-proċess ta' adeżjoni u ta' assoċjazzjoni min-naħa ta' pajjiżi terzi, jenħtieġ li, jekk ikunu ssodisfati ċerti kondizzjonijiet, il-Programm ikun miftuħ għall-parteciġazzjoni ta' pajjiżi aderenti, pajjiżi kandidati, kandidati potenzjali u pajjiżi koperti mill-Politika Ewropea tal-Viċinat. Jista' jkun miftuħ ukoll għal pajjiżi terzi oħra, f'konformità mal-kondizzjonijiet stabbiliti fi ftehimiet speċifiċi bejn l-Unjoni u dawk il-pajjiżi li jkopru l-parteciġazzjoni tagħhom fi kwalunkwe programm tal-Unjoni.

¹ ĠU L 433 I, 22.12.2020, p. 28

- (9) Ir-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹ ("ir-Regolament Finanzjarju") japplika għall-Programm. Ir-Regolament Finanzjarju jistabbilixxi regoli dwar l-implimentazzjoni tal-baġit tal-Unjoni, inkluż ir-regoli dwar għotjiet, premjijiet, akkwist pubbliku, ġestjoni indiretta, strumenti finanzjarji, garanziji baġitarji, assistenza finanzjarja u r-rimborż ta' esperti esterni.
- (10) Ir-regoli finanzjarji orizzontali adottati mill-Parlament Ewropew u mill-Kunsill fuq il-bażi tal-Artikolu 322 TFUE japplikaw għal dan ir-Regolament. Dawk ir-regoli huma stipulati fir-Regolament Finanzjarju u jiddeterminaw b'mod partikolari l-proċedura għall-istabbiliment u l-implimentazzjoni tal-baġit permezz ta' għotjiet, akkwist pubbliku, premji, implimentazzjoni indiretta, u jipprevedu verifiki dwar ir-responsabbiltà tal-atturi finanzjarji. Ir-regoli adottati abbażi tal-Artikolu 322 TFUE jinkludu wkoll reġim ġenerali ta' kondizzjonalità għall-protezzjoni tal-baġit tal-Unjoni.

¹ Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1296/2013, (UE) Nru 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 1304/2013, (UE) Nru 1309/2013, (UE) Nru 1316/2013, (UE) Nru 223/2014, (UE) Nru 283/2014, u d-Deċiżjoni Nru 541/2014/UE u li jħassar ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 (ĠU L 193, 30.7.2018, p. 1).

- (11) L-azzjonijiet li kienu japplikaw taħt il-programm Dwana 2020 urew li kienu adegwati u għaldaqstant jenħtieġ li jinżammu. Sabiex jipprovdu aktar sempliċità u flessibbiltà fit-tweqqi tal-Programm u b'hekk jintlaħqu aħjar l-oġettivi tiegħu, jenħtieġ li l-azzjonijiet jiġu definiti biss f'termini ta' kategoriji ġenerali b'lista ta' eżempji illustrattivi ta' attivitajiet konkreti. Jenħtieġ li l-Programm, permezz ta' kooperazzjoni u t-tisħiħ tal-kapaċitajiet, jippromwovi u jappoġġa wkoll l-użu u l-isfruttament tal-innovazzjoni biex itejjeb ulterjorment il-kapaċitajiet biex jintlaħqu l-prijoritajiet ewlenin tad-dwana. Jenħtieġ li l-azzjonijiet iffinanzjati minn dan il-Programm jintemmu jew jiġu aġġustati sabiex isiru aktar effettivi jew rilevanti jekk fi kwalunkwe ħin juru li mhumiex adegwati.
- (12) Ir-Regolament dwar l-istrument għal tagħmir ta' kontroll doganali dalwaqt ser jiġi adottat. Sabiex tiġi ppreservata l-koerenza u l-koordinazzjoni orizzontali tal-azzjonijiet ta' kooperazzjoni kollha relatati mad-dwana u mat-tagħmir ta' kontroll doganali, jixraq li tali azzjonijiet jiġu implimentati taħt att legali uniku, jiġifieri dan ir-Regolament, u li jkun fih sett wieħed ta' regoli. Għaldaqstant, jenħtieġ li l-istrument għall-appoġġ finanzjarju għal tagħmir ta' kontroll doganali jappoġġa biss ix-xiri, il-manutenzjoni u l-aġġornament tat-tagħmir ta' kontroll doganali eliġibbli, filwaqt li dan il-Programm jenħtieġ li jappoġġa l-azzjonijiet relatati l-oħra kollha, bħal azzjonijiet ta' kooperazzjoni għall-valutazzjoni tal-ħtiġijiet tat-tagħmir jew, fejn ikun xieraq, taħriġ fir-rigward tat-tagħmir mixtri.

- (13) L-iskambju ta' informazzjoni doganali u ta' informazzjoni relatata oħra huwa fundamentali għal funzjonament tajjeb ta -dwana u jmur lil hinn ferm mill-iskambji fi ħdan l-unjoni doganali. L-adattamenti jew l-estensjonijiet tas-sistemi elettroniċi Ewropej biex jagħmlu l-kooperazzjoni possibbli ma' pajjiżi terzi li ma jkunux qed jipparteċipaw fil-Programm u mal-organizzazzjonijiet internazzjonali jistgħu ikunu ta' interess għall-Unjoni. Għaldaqstant, meta jkunu ġġustifikati kif xieraq b'interess bħal dan, jenħtieġ li l-adattamenti jew l-estensjonijiet korrispondenti tas-sistemi elettroniċi Ewropej ikunu eliġibbli għal finanzjament taħt il-Programm.

- (14) Meta titqies l-importanza tal-globalizzazzjoni, jenħtieġ li l-Programm ikompli jipprevedi l-possibbiltà li jiġu involuti esperti esterni skont it-tifsira tal-Artikolu 238 tar-Regolament Finanzjarju. Tali esperti esterni jenħtieġ li prinċipalment jinkludu rappreżentanti tal-awtoritajiet governattivi, inkluż awtoritajiet governattivi ta' pajjiżi terzi li ma jkunux qed jipparteċipaw fil-Programm, kif ukoll akkademiċi u rappreżentanti ta' organizzazzjonijiet internazzjonali, ta' operaturi ekonomiċi jew tas-soċjetà ċivili. Jenħtieġ li l-għażla ta' esperti esterni għall-gruppi ta' esperti tkun ibbażata fuq id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tat-30 ta' Mejju 2016 li tistabbilixxi regoli orizzontali dwar il-ħolqien u l-funzjonament tal-gruppi ta' esperti tal-Kummissjoni. Jenħtieġ li l-esperti esterni li jipparteċipaw fil-kapaċità personali tagħhom f'avvenimenti ad hoc taħt il-Programm, bħal laqgħat u konferenzi ta' darba, jintgħażlu mill-Kummissjoni, inkluż minn esperti proposti mill-pajjiżi parteċipanti. Jeħtieġ li jiġi żgurat li l-esperti esterni li jinħatru fil-kapaċità personali tagħhom u li jiġu rikjesti biex jaġixxu b'mod indipendenti u fl-interess pubbliku, jaġixxu b'mod imparzjali, u ma jkun hemm l-ebda konflitt ta' interess possibbli mar-responsabbiltajiet professjonali tagħhom. Jenħtieġ li l-informazzjoni dwar l-għażla tal-esperti esterni kollha u l-parteeċipazzjoni tagħhom tkun disponibbli għall-pubbliku. Jenħtieġ li jitqies l-objettiv li tiġi żgurata rappreżentanza bilanċjata tal-partijiet ikkonċernati u l-prinċipju tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri meta jintgħażlu esperti esterni.

- (15) F'konformità mal-impenn tal-Kummissjoni li tiżgura l-koerenza u s-simplifikazzjoni tal-programmi ta' finanzjament, stabbilit fil-Komunikazzjoni tagħha tad-19 ta' Ottubru 2010 intitolata "Ir-Reviżjoni tal-Baġit tal-UE", jenħtieġ li r-riżorsi jiġu kondiviżi ma' strumenti oħra ta' finanzjament tal-Unjoni jekk l-azzjonijiet previsti taħt il-Programm ikollhom objettivi li huma komuni għal diversi strumenti ta' finanzjament, sakemm dan ma jirriżultax f'finanzjament doppju. Jenħtieġ li l-azzjonijiet taħt il-Programm jiżguraw il-koerenza fl-użu tar-riżorsi tal-Unjoni li jappoġġaw l-unjoni doganali u l-awtoritajiet doganali.
- (16) It-tiżhni tal-kapaċitajiet tal-IT huma mistennija li jattiraw l-akbar sehem tal-baġit taħt il-Programm. Fost dawk l-azzjonijiet ta' tiżhni tal-kapaċitajiet tal-IT, jenħtieġ li tingħata prijorità ewlenija lil dawk l-azzjonijiet relatati ma' sistemi elettroniċi li huma meħtieġa għall-implimentazzjoni tal-unjoni doganali u għall-awtoritajiet doganali biex iwettqu l-missjoni tagħhom.. Jenħtieġ li l-komponenti komuni u nazzjonali tas-sistemi elettroniċi Ewropej jiġu definiti f'dan ir-Regolament. Kombinamenti ta' komponenti komuni u nazzjonali huma possibbli. Barra minn hekk, jenħtieġ li jiġu definiti b' mod ċar il-kamp ta' applikazzjoni tal-azzjonijiet u r-responsabbiltajiet tal-Kummissjoni u tal-Istati Membri.

- (17) Jenħtieġ li dan ir-Regolament jiġi implimentat permezz ta' programmi ta' ħidma. Fid-dawl tan-natura fuq terminu medju sa twil tal-oġġettivi segwiti u abbażi tal-esperjenza miksuba matul iż-żmien, jenħtieġ li jkun possibbli li l-programmi ta' ħidma jkunu kapaċi jkopru diversi snin. Bidla minn programmi ta' ħidma annwali għal programmi pluriennali, tnaqqas il-piż amministrattiv kemm għall-Kummissjoni kif ukoll għall-Istati Membri. Il-Programmi ta' ħidma pluriennali jenħtieġ li jkunu għal massimu ta' tliet snin.
- (18) Jenħtieġ li l-azzjonijiet implimentati skont il-Programm jieħdu kont tas-sejbiet u r-rakkomandazzjonijiet tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri fil-qasam tad-dwana, b'mod partikolari r-Rapport Speċjali Nru 19/2017 tal-5 ta' Diċembru 2017 intitolat "Proċeduri ta' importazzjoni: xi nuqqasijiet fil-qafas legali u implimentazzjoni ineffettiva għandhom impatt fuq l-interessi finanzjarji tal-UE", u r-Rapport Speċjali Nru 26/2018 tal-10 ta' Ottubru 2018 intitolat "Bosta dewmien fis-Sistemi tal-IT doganali: x'mar ħażin?".
- (19) Sabiex ikunu żgurati kondizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament, jenħtieġ li l-Kummissjoni tingħata setgħat ta' implimentazzjoni. Jenħtieġ li dawk is-setgħat ikunu eżerċitati f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹.

¹ Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2011 li jstabbilixxi r-regoli u l-prinċipji ġenerali dwar il-modalitajiet ta' kontroll mill-Istati Membri tal-eżerċizzju mill-Kummissjoni tas-setgħat ta' implimentazzjoni (ĠU L 55, 28.2.2011, p. 13)

(20) Skont il-paragrafi 22 u 23 tal-Ftehim Interistituzzjonali tat-13 ta' April 2016 dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet¹, jenħtieġ li l-Programm jiġi evalwat abbażi tal-informazzjoni miġbura f'konformità ma' rekwiżiti speċifiċi ta' monitoraġġ, filwaqt li jiġi evitat piż amministrattiv, b'mod partikolari fuq l-Istati Membri, kif ukoll ir-regolamentazzjoni żejda. Dawk ir-rekwiżiti, fejn xieraq, jenħtieġ li jinkludu indikaturi li jistgħu jitkejlu bħala bażi biex jiġu evalwati, b'mod komparabbli u komplet, l-effetti tal-Programm fil-prattika. L-evalwazzjonijiet interim u finali, li jenħtieġ li jsiru mhux aktar tard minn erba' snin wara l-bidu tal-implimentazzjoni u l-ikkompletar tal-Programm rispettivament, jenħtieġ li jikkontribwixxu għall-proċess tat-teħid ta' deċiżjonijiet effiċjenti dwar il-kooperazzjoni fil-qasam doganali taħt l-oqfsa finanzjarji pluriennali li jmiss. Huwa għalhekk tal-akbar importanza li l-evalwazzjonijiet interim u finali jinkludu informazzjoni sodisfaċenti u suffiċjenti u li dawk l-evalwazzjonijiet isiru fi żmien xieraq. Minbarra l-evalwazzjonijiet interim u finali tal-Programm, jenħtieġ li jinħarġu r-rapporti ta' progress annwali, bħala parti mis-sistema ta' rapportar dwar il-prestazzjoni, biex jimmonitorjaw l-implimentazzjoni tal-Programm. Jenħtieġ li dawk ir-rapporti jinkludu sommarju tat-tagħlimiet meħuda u, fejn xieraq, tal-ostakli u n-nuqqasijiet li jkunu nstabu, fil-kuntest tal-attivitajiet tal-Programm li jkunu seħħew fis-sena inkwistjoni. Dawk ir-rapporti ta' progress annwali jenħtieġ li jiġu kkomunikati lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

¹ ĠU L 123, 12.5.2016, p. 1.

- (21) Sabiex ikun hemm reazzjoni xierqa għall-bidliet fil-prijoritajiet tal-politika, jenħtieġ li s-setgħa li jiġu adottati atti f'konformità mal-Artikolu 290 TFUE tiġi ddelegata lill-Kummissjoni fir-rigward tal-emendar tal-lista ta' indikaturi biex jitkejjel kemm intlaħqu l-oġettivi speċifiċi tal-Programm u biex dan ir-Regolament jiġi supplimentat b'dispożizzjonijiet dwar l-istabbiliment ta' qafas ta' monitoraġġ u evalwazzjoni. Huwa partikularment importanti li matul il-ħidma preparatorja tagħha, il-Kummissjoni twettaq konsultazzjonijiet xierqa, inkluż fil-livell tal-esperti, u li dawk il-konsultazzjonijiet jitwettqu f'konformità mal-prinċipji stabbiliti fil-Ftehim Interistituzzjonali tat-13 ta' April 2016 dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet. B'mod partikolari, biex tiġi żgurata parteċipazzjoni ugwali fit-tnejn tal-atti delegati, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jirċievu d-dokumenti kollha fl-istess ħin li jirċievuhom l-esperti tal-Istati Membri, u l-esperti tagħhom ikollhom sistematikament aċċess għal-laqgħat tal-gruppi tal-esperti tal-Kummissjoni li jkunu qed jittrattaw it-tnejn ta' atti delegati.

(22) F'konformità mar-Regolament Finanzjarju, ir-Regolament (UE Euratom) Nru 883/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹ u r-Regolamenti tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 2988/95², (Euratom, KE) Nru 2185/96³ u (UE) 2017/1939⁴, l-interessi finanzjarji tal-Unjoni jridu jiġu protetti permezz ta' miżuri proporzjonati, inkluż miżuri relatati mal-prevenzjoni, is-sejbien, il-korrezzjoni u l-investigazzjoni ta' irregolaritajiet, inkluż frodi, mal-irkupru ta' fondi mitlufa, imħallsa bi żball jew użati b'mod mhux korrett, u, fejn xieraq, mal-impożizzjoni ta' penali amministrattivi. B'mod partikolari, f'konformità mar-Regolamenti (Euratom, KE) Nru 2185/96 u (UE, Euratom) Nru 883/2013, l-Uffiċċju Ewropew Kontra l-Frodi (OLAF) għandu s-setgħa li jwettaq investigazzjonijiet amministrattivi, inkluż kontrolli u spezzjonijiet fuq il-post, bil-għan li jiġi stabbilit jekk kienx hemm frodi, korruzzjoni jew kwalunkwe attività illegali oħra li taffettwa l-interessi finanzjarji tal-Unjoni. L-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew (UPPE) għandu s-setgħa, f'konformità mar-Regolament (UE) 2017/1939, li jinvestiga u jressaq għall-prosekuzzjoni reati kriminali li jaffettwaw l-interessi finanzjarji tal-Unjoni kif previst fid-Direttiva (UE) 2017/1371 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁵.

¹ Regolament (UE, Euratom) Nru 883/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Settembru 2013 dwar investigazzjonijiet immexxija mill-Uffiċċju Ewropew Kontra l-Frodi (OLAF) u li jħassar ir-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (KE) Nru 1073/1999 u r-Regolament tal-Kunsill (Euratom) Nru 1074/1999 (ĠU L 248, 18.9.2013, p. 1).

² Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 2988/95 tat-18 Diċembru 1995 dwar il-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Komunità Ewropea (ĠU L 312, 23.12.95, p. 1).

³ Regolament tal-Kunsill (Euratom, KE) Nru 2185/96 tal-11 ta' Novembru 1996 dwar il-verifiki u l-ispezzjonijiet fuq il-post imwettqa mill-Kummissjoni sabiex tiproteġi l-interessi finanzjarji tal-Komunità Ewropea kontra l-frodi u irregolaritajiet oħra (ĠU L292, 15.11.96, p. 2).

⁴ Regolament tal-Kunsill (UE) 2017/1939 tat-12 ta' Ottubru 2017 li jimplementa kooperazzjoni msaħħa dwar l-istabbiliment tal-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew ("l-UPPE") (ĠU L 283, 31.10.2017, p. 1).

⁵ Direttiva (UE) 2017/1371 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' Lulju 2017 dwar il-ġlieda kontra l-frodi tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni permezz tal-liġi kriminali (ĠU L 198, 28.7.2017, p. 29).

F'konformità mar-Regolament Finanzjarju, kwalunkwe persuna jew entità li tirċievi fondi mill-Unjoni trid tikkoopera bis-siġħ fil-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni, tagħti d-drittijiet u l-aċċess neċessarji lill-Kummissjoni, lill-OLAF, lill-Qorti tal-Awdituri u, fir-rigward ta' dawk l-Istati Membri li jipparteċipaw fil-kooperazzjoni msaħħa skont ir-Regolament (UE) 2017/1939, lill-UPPE, u tiżgura li kwalunkwe parti terza involuta fl-implimentazzjoni ta' fondi tal-Unjoni tagħti drittijiet ekwivalenti.

- (23) Pajjiżi terzi jistgħu jipparteċipaw *fil-Programm* abbażi ta' deċiżjoni adottata skont ftehim internazzjonali jew abbażi ta' strumenti legali oħra. F'dan ir-Regolament jenħtieġ li tiġi introdotta dispożizzjoni speċifika li tirrikjedi li pajjiżi terzi jagħtu d-drittijiet u l-aċċess neċessarji meħtieġa biex l-uffiċjal awtorizzanti responsabbli, l-OLAF u l-Qorti tal-Awdituri jeżerċitaw il-kompetenzi rispettivi tagħhom b'mod komprensiv.
- (24) L-ispejjeż eliġibbli jenħtieġ li jiġu ddeterminati b'referenza għan-natura tal-azzjonijiet eliġibbli u inkluż, inter alia, spejjeż ta' vvjaġġar u ta' sussistenza għall-parteeipanti f' laqgħat u avvenimenti simili jew spejjeż marbuta mal-organizzazzjoni ta' avvenimenti. Jenħtieġ li l-finanzjament taħt il-Programm ikun soġġett għall-prinċipji msemmija fir-Regolament Finanzjarju, bħat-trattament ugwali, il-proporzjonalità, it-trasparenza u jenħtieġ li jiżgura l-aħjar użu tar-riżorsi finanzjarji tiegħu fil-kisba tal-oġġettivi tiegħu.

- (25) Jenħtieġ li t-tipi ta' finanzjament u l-metodi ta' implimentazzjoni skont dan ir-Regolament jintgħażlu abbażi tal-abbiltà tagħhom li jilħqu l-objettivi speċifiċi tal-azzjonijiet u li jwasslu r-risultati maħsuba, filwaqt li jitqiesu, b'mod partikolari, l-ispejjeż tal-kontrolli, il-piż amministrattiv, u r-riskju mistenni ta' nuqqas ta' konformità. Jenħtieġ li dawg it-tipi ta' finanzjament u metodi ta' implimentazzjoni jinkludu l-konsiderazzjoni tal-użu ta' somom sħaħ, ta' rati fissi u ta' kostijiet unitarji, kif ukoll il-finanzjament mhux marbut mal-ispejjeż kif imsemmi fl-Artikolu 125(1) tar-Regolament Finanzjarju.
- (26) Peress li l-objettiv ta' dan ir-Regolament, jiġifieri l-istabbiliment ta' programm tal-Unjoni għal kooperazzjoni fil-qasam tad-dwana ma jistax jintlaħaq b'mod suffiċjenti mill-Istati Membri, iżda minħabba l-iskala u l-effetti tiegħu, jista' jintlaħaq aħjar fil-livell tal-Unjoni, l-Unjoni tista' tadotta miżuri, f'konformità mal-prinċipju tas-sussidjarjetà, kif stabbilit fl-Artikolu 5 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea. F'konformità mal-prinċipju ta' proporzjonalità, kif stabbilit f'dak l-Artikolu, dan ir-Regolament ma jmurx lil hinn minn dak li hu meħtiegħ sabiex jinkiseb dak l-objettiv.

- (27) Sabiex tiġi żgurata l-kontinwità fl-għoti ta' appoġġ fil-qasam ta' politika rilevanti u biex l-implimentazzjoni tkun tista' tibda mill-bidu tal-qafas finanzjarju pluriennali 2021-2027, jenħtieġ li dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ b'urġenza u jenħtieġ li japplika, b'effett retroattiv, mill-1 ta' Jannar 2021.
- (28) Dan ir-Regolament jissostitwixxi r-Regolament (UE) 1294/2013, li għalhekk jenħtieġ li jitħassar,

ADOTTAW DAN IR-REGOLAMENT:

Kapitolu I

Dispożizzjonijiet Ġenerali

Artikolu 1

Suġġett

Dan ir-Regolament jistabbilixxi l-programm "Dwana" għall-kooperazzjoni fil-qasam tad-dwana ("il-Programm") għall-perijodu mill-1 ta' Jannar 2021 sal-31 ta' Diċembru 2027. Id-durata tal-Programm għandha tkun allinjata mad-durata tal-qafas finanzjarju pluriennali.

Dan ir-Regolament jistabbilixxi l-oġġettivi tal-Programm, il-baġit għall-perijodu mill-2021 sal-2027, il-forom ta' finanzjament tal-Unjoni u r-regoli għall-forniment tat-tali finanzjament.

Artikolu 2

Definizzjonijiet

Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

- (1) "awtoritajiet doganali" tfisser l-awtoritajiet doganali kif iddefiniti fil-punt (1) tal-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) Nru 952/2013;

- (2) "Sistemi elettroniċi Ewropej" tfisser sistemi elettroniċi meħtieġa għall-unjoni doganali u għall-eżekuzzjoni tal-missjoni tal-awtoritajiet doganali, b'mod partikolari s-sistemi elettroniċi msemmija fl-Artikolu 16(1), u fl-Artikoli 278 u 280 tar-Regolament (UE) Nru 952/2013, fl-Artikolu 8 tar-Regolament (UE) 2019/880 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹, u f'dispożizzjonijiet oħra tad-dritt tal-Unjoni li jirregolaw is-sistemi elettroniċi għal finijiet doganali, inkluż ftehimiet internazzjonali, bħall-Konvenzjoni Doganali dwar it-Trasport Internazzjonali ta' Oġġetti koperti b'Carnets tat-TIR (Konvenzjoni TIR)².
- (3) "komponent komuni" tfisser komponent tas-sistemi elettroniċi Ewropej żviluppat fil-livell tal-Unjoni, li huwa disponibbli għall-Istati Membri kollha jew identifikat bħala komuni mill-Kummissjoni għal raġunijiet ta' effiċjenza, sigurtà u razzjonalizzazzjoni;
- (4) "komponent nazzjonali" tfisser komponent tas-sistemi elettroniċi Ewropej, żviluppat fil-livell nazzjonali, li huwa disponibbli fl-Istat Membru li ħoloq dak il-komponent jew li kkontribwixxa għall-ħolqien konġunt tiegħu;
- (5) "pajjiż terz" tfisser pajjiż li mhux Stat Membru tal-Unjoni.

¹ Ir-Regolament (UE) 2019/880 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' April 2019 dwar l-introduzzjoni u l-importazzjoni ta' beni kulturali (ĠU L 151, 7.6.2019, p. 1).

² ĠU L 165, 26.6.2009, p.3.

Artikolu 3

Objettivi tal-programm

1. L-objettiv ġenerali tal-Programm huwa li jappoġġa lill-unjoni doganali u l-awtoritajiet doganali li jaħdmu flimkien u li jaġixxu bħala entità waħda, biex jiproteġu l-interessi finanzjarji u ekonomiċi tal-Unjoni u tal-Istati Membri tagħha, biex jiżguraw is-sigurtà u s-sikurezza ġewwa l-Unjoni u biex jiproteġu lill-Unjoni minn kummerċ żleali u illegali, filwaqt li jiffaċilitaw attività kummerċjali leġittima.
2. L-objettivi speċifiċi tal-Programm huma li jappoġġa:
 - (a) it-tnejn u l-implimentazzjoni uniformi tal-leġislazzjoni u l-politika doganali;
 - (b) il-kooperazzjoni doganali;
 - (c) it-tisħiħ tal-kapaċitajiet amministrattivi u tal-IT, inkluż il-kompetenza umana u t-taħriġ, kif ukoll l-iżvilupp u t-tħaddim tas-sistemi elettroniċi Ewropej;
 - (d) l-innovazzjoni fil-qasam tal-politika doganali.

Artikolu 4

Baġit

1. Il-pakkett finanzjarju għall-implimentazzjoni tal-Programm għall-perijodu 2021 – 2027 għandu jkun ta' EUR 950 000 000 fi prezzijiet kurrenti.
2. L-ammont imsemmi fil-paragrafu 1 jista' jkopri wkoll spejjeż għat-tħejjija, il-monitoraġġ, il-kontroll, l-awditjar, l-evalwazzjoni u attivitajiet oħra għall-ġestjoni tal-Programm u għall-evalwazzjoni tal-kisba tal-oġġettivi tiegħu. Jista' jkopri wkoll l-ispejjeż marbuta ma' studji, laqgħat ta' esperti, azzjonijiet ta' informazzjoni u ta' komunikazzjoni, li jkunu relatati mal-oġġettivi tal-Programm, kif ukoll spejjeż marbuta ma' networks tat-teknoloġija tal-informazzjoni li jiffukaw fuq l-ipproċessar u l-iskambju ta' informazzjoni, inkluż għodod korporattivi tat-teknoloġija tal-informazzjoni u assistenza teknika u amministrattiva oħra meħtieġa b'rabta mal-ġestjoni tal-Programm.

Artikolu 5

Parteċipazzjoni ta' pajjiżi terzi fil-Programm

Il-Programm għandu jkun miftuħ għall-parteċipazzjoni tal-pajjiżi terzi li ġejjin:

- (a) pajjiżi aderenti, pajjiżi kandidati u kandidati potenzjali, f'konformità mal-prinċipji ġenerali u t-termini u l-kondizzjonijiet ġenerali għall-parteċipazzjoni ta' dawk il-pajjiżi fi programmi tal-Unjoni stabbiliti fil-ftehimiet qafas u fid-deċiżjonijiet tal-Kunsill ta' Assoċjazzjoni rispettivi, jew fi ftehimiet simili [...] u f'konformità mal-kondizzjonijiet speċifiċi stabbiliti fi ftehimiet bejn l-Unjoni u dawk il-pajjiżi;
- (b) pajjiżi tal-Politika Ewropea tal-Viċinat, f'konformità mal-prinċipji ġenerali u t-termini u l-kondizzjonijiet ġenerali għall-parteċipazzjoni ta' dawk il-pajjiżi fil-programmi tal-Unjoni stabbiliti fil-ftehimiet qafas rispettivi u deċiżjonijiet tal-Kunsill ta' Assoċjazzjoni, jew fi ftehimiet simili, u f'konformità mal-kondizzjonijiet speċifiċi stabbiliti fi ftehimiet bejn l-Unjoni u dawk il-pajjiżi;

- (c) pajjiżi terzi oħra, f'konformità mal-kondizzjonijiet stabbiliti fi ftehim speċifiku li jkopri l-parteċipazzjoni tal-pajjiż terz fi kwalunkwe programm tal-Unjoni, dment li l-ftehim:
- (i) jiżgura bilanċ ġust fir-rigward tal-kontribuzzjonijiet u l-benefiċċji tal-pajjiż terz li jipparteċipa fil-programmi tal-Unjoni;
 - (ii) jistabbilixxi l-kondizzjonijiet tal-parteċipazzjoni fil-programmi, inkluż il-kalkolu ta' kontribuzzjonijiet finanzjarji għal programmi individwali, u l-kostijiet amministrattivi tagħhom.
 - (iii) ma jagħti lill-pajjiż terz l-ebda setgħa ta' teħid ta' deċizzjoni fir-rigward tal-programm tal-Unjoni;
 - (iv) jiggarrantixxi d-drittijiet tal-Unjoni li tiżgura ġestjoni finanzjarja tajba u tiproteġi l-interessi finanzjarji tagħha.

Il-kontribuzzjonijiet imsemmija fil-punt (c)(ii) tal-ewwel paragrafu għandhom jikkostitwixxu dħul assenjat f'konformità mal-Artikolu 21(5) tar-Regolament Finanzjarju.

Artikolu 6

Implimentazzjoni u forom ta' finanzjament tal-Unjoni

1. Il-Programm għandu jiġi implimentat taħt ġestjoni diretta f'konformità mar-Regolament Finanzjarju.
2. Il-Programm jista' jipprovdi finanzjament fi kwalunkwe waħda mill-forom stabbiliti fir-Regolament Finanzjarju, b'mod partikolari permezz ta' għotjiet, premjijiet, akkwist pubbliku u rimborż ta' spejjeż ta' vjaġġar u sussistenza mġarrba minn esperti esterni.

Kapitolu II

Eliġibbiltà

Artikolu 7

Azzjonijiet eliġibbli

1. L-azzjonijiet li jimplimentaw l-oġġettivi stabbiliti fl-Artikolu 3 biss għandhom ikunu eliġibbli għall-finanzjament.
2. L-azzjonijiet li jikkomplementaw jew li jappoġġaw l-azzjonijiet li jimplimentaw l-oġġettivi stabbiliti fir-Regolament tal-Istrumenti għat-Tagħmir ta' Kontroll Doganali għandhom ikunu wkoll eliġibbli għal finanzjament taħt il-Programm.

3. L-azzjonijiet imsemmija fil-paragrafi 1 u 2 għandhom jinkludu dan li ġej:
- (a) laqgħat u avvenimenti simili ad hoc;
 - (b) kollaborazzjoni strutturata bbażata fuq il-proġetti, bħall-iżvilupp kollaborattiv tal-IT minn grupp ta' Stati Membri;
 - (c) azzjonijiet ta' tisħiħ tal-kapaċitajiet fl-IT, b'mod partikolari l-iżvilupp u t-tħaddim tas-sistemi elettroniċi Ewropej;
 - (d) azzjonijiet ta' tisħiħ tal-kapaċità umana u azzjonijiet ta' tisħiħ ta' kapaċitajiet oħrajn , inkluż taħriġ u skambju tal-aħjar prattiki;
 - (e) azzjonijiet ta' appoġġ u azzjonijiet oħra, inkluż:
 - (i) studji;
 - (ii) attivitajiet ta' innovazzjoni, b'mod partikolari provi tal-kunċett, proġetti pilota, inizjattivi għall-iżvilupp ta' prototipi, estrazzjoni intelliġenti ta' data u kollaborazzjoni bejn is-sistemi;
 - (iii) azzjonijiet ta' komunikazzjoni żviluppati b'mod konġunt;

- (iv) kwalunkwe azzjoni oħra prevista fil-programmi ta' ħidma msemija fl-Artikolu 12, li tkun meħtieġa biex jinkisbu jew biex jiġu appoġġati l-oġġettivi stabbiliti fl-Artikolu 3.

L-Anness I fih lista mhux eżawrjenti ta' forom ta' azzjonijiet possibbli kif msemija fil-punti (a), (b) u (d) tal-ewwel subparagrafu.

4. L-azzjonijiet li jikkonsistu mill-iżvilupp, l-implimentazzjoni, il-manutenzjoni u t-tħaddim ta' adattamenti jew ta' estensjonijiet għall-komponenti komuni tas-sistemi elettroniċi Ewropej biex tkun possibbli l-kooperazzjoni ma' pajjiżi terzi li ma jkunux qed jipparteċipaw fil-Programm jew ma' organizzazzjonijiet internazzjonali għandhom ikunu eliġibbli għall-finanzjament meta dawn ikunu ta' interess għall-Unjoni. Il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi l-arranġamenti amministrattivi meħtieġa, li jistgħu jinkludu rekwiżit għall-partijiet terzi kkonċernati li jikkontribwixxu b'mod finanzjarju għal dawn l-azzjonijiet.
5. Meta azzjoni ta' tisħiħ tal-kapaċitajiet tal-IT kif imsemija fil-punt (c) tal-ewwel subparagrafu tal-paragrafu 3 ta' dan l-Artikolu tikkonċerna l-iżvilupp u t-tħaddim ta' sistema elektronika Ewropea, l-ispejjeż relatati mar-responsabbiltajiet mogħtija lill-Kummissjoni skont l-Artikolu 11(2) biss għandhom ikunu eliġibbli għal finanzjament taħt il-Programm. L-Istati Membri għandhom iġarrbu l-ispejjeż relatati mar-responsabbiltajiet mogħtija lilhom skont l-Artikolu 11(3).

Artikolu 8
Esperti esterni

1. Meta dan ikun ta' benefiċċju biex titlesta azzjoni li timplimenta l-oġġettivi stabbiliti fl-Artikolu 3, ir-rappreżentanti tal-awtoritajiet governattivi, inkluż dawk minn pajjiżi terzi li ma jkunux qed jipparteċipaw fil-Programm, l-akkademiċi u r-rappreżentanti ta' organizzazzjonijiet internazzjonali u ta' organizzazzjonijiet rilevanti oħra, rappreżentanti ta' operaturi ekonomiċi, rappreżentanti ta' organizzazzjonijiet li jirrappreżentaw l-operaturi ekonomiċi u rappreżentanti tas-soċjeta' ċivili, jistgħu jieħdu sehem bħala esperti esterni f'tali azzjonijiet.
2. L-ispejjeż imġarrba mill-esperti esterni msemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu għandhom ikunu eliġibbli għal rimborż taħt il-Programm f'konformità mal-Artikolu 238 tar-Regolament Finanzjarju.
3. L-esperti esterni għall-gruppi ta' esperti għandhom jintgħażlu mill-Kummissjoni, inkluż minn esperti proposti mill-Istati Membri.

L-esperti esterni li jipparteċipaw fil-kapaċità personali tagħhom f'avvenimenti ad hoc taħt il-Programm, bħal laqgħat u konferenzi ta' darba, għandhom jintgħażlu mill-Kummissjoni, inkluż minn esperti proposti mill-pajjiżi parteċipanti.

L-esperti esterni għandhom jintgħażlu abbażi tal-ħiliet, l-esperjenza u l-għarfien rilevanti tagħhom għall-azzjoni speċifika u skont il-ħtiġijiet. Il-Kummissjoni għandha tivvaluta, fost oħrajn, l-imparzjalità tal-esperti esterni li jinħatru fil-kapaċità personali tagħhom u li jkunu rikjesti li jaġixxu b'mod indipendenti u fl-interess pubbliku, u n-nuqqas ta' konflitt ta' interess mar-responsabbiltajiet professjonali tagħhom.

Kapitolu III

Għotjiet

Artikolu 9

Għoti, komplementarjetà u finanzjament ikkombinat

1. L-għotjiet taħt il-Programm għandhom jingħataw u jiġu ġestiti f'konformità mat-Titolu VIII tar-Regolament Finanzjarju.
2. Azzjoni li tkun irċeviet kontribuzzjoni taħt il-Programm tista' tirċievi wkoll kontribuzzjoni minn programm tal-Unjoni ieħor, dment li l-kontribuzzjonijiet ma jkoprox l-istess spejjeż. Ir-regoli tal-programm rilevanti tal-Unjoni għandhom japplikaw għall-kontribuzzjoni korrispondenti għall-azzjoni. Il-finanzjament kumulattiv ma għandux jaqbeż il-kostijiet eliġibbli totali tal-azzjoni. L-appoġġ mill-programmi differenti tal-Unjoni jista' jiġi kkalkolat fuq bażi pro rata f'konformità mad-dokumenti li jistabbilixxu l-kondizzjonijiet għall-appoġġ.

3. F'konformità mal-punt (f) tal-ewwel paragrafu tal-Artikolu 195 tar-Regolament Finanzjarju, l-għotjiet għandhom jingħataw mingħajr sejħa għal proposti meta l-entitajiet eliġibbli jkunu awtoritajiet doganali ta' pajjiżi parteċipanti, dment li jiġu ssodisfati l-kondizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 5 ta' dan ir-Regolament.
4. Il-ħidma tal-kumitat ta' evalwazzjoni imsemmi fl-Artikolu 150 tar-Regolament Finanzjarju għandha tkun ibbażata fuq il-prinċipji ġenerali applikabbli għall-għotjiet stipulati fl-Artikolu 188 tar-Regolament Finanzjarju u b'mod partikolari, fuq il-prinċipji tat-trattament ugwali u tat-trasparenza stabbiliti fil punti (a) u (b) tal-Artikolu 188 tar-Regolament Finanzjarju, kif ukoll fuq il-prinċipju ta' nondiskriminazzjoni.
5. Il-kumitat ta' evalwazzjoni għandu jevalwa l-proposti abbażi tal-kriterji tal-għoti, filwaqt li jqis, fejn xieraq, ir-rilevanza tal-azzjoni proposta fid-dawl tal-oġġettivi segwiti, il-kwalità tal-azzjoni proposta, l-impatt tagħha, inkluż l-impatt ekonomiku, soċjali u dak ambjentali tagħha, u l-baġit u l-kosteffettività tagħha.

Artikolu 10

Rata ta' kofinanzjament

1. B'deroga mill-Artikolu 190 tar-Regolament Finanzjarju, il-Programm jista' jiffinanzja sa 100 % tat-total tal-ispejjeż eliġibbli ta' azzjoni.

2. Ir-rata ta' kofinanzjament applikabbli meta l-azzjonijiet ikunu jirrikjedu l-għoti ta' għotjiet għandha tiġi stabbilita fil-programmi ta' ħidma pluriennali msemmija fl-Artikolu 12.

Kapitolu IV

Dispożizzjonijiet speċifiċi għal azzjonijiet ta' tisħiħ tal-kapaċitajiet fl-IT

Artikolu 11

Responsabbiltajiet

1. Il-Kummissjoni u l-Istati Membri għandhom b'mod konġunt, u f'konformità mad-dispożizzjonijiet rilevanti tad-dritt tal-Unjoni msemmija fid-definizzjoni fil-punt (2) tal-Artikolu 2, jiżguraw l-iżvilupp u t-tħaddim tas-sistemi elettroniċi Ewropej, inkluż it-tfassil, l-ispeċifikazzjoni, l-ittestjar tal-konformità, l-implimentazzjoni, il-manutenzjoni, l-evoluzzjoni, il-modernizzazzjoni, is-sigurtà, l-assigurazzjoni tal-kwalità u l-kontroll tal-kwalità tagħhom.
2. B'mod partikolari, il-Kummissjoni għandha tiżgura dan li ġej:
 - (a) l-iżvilupp u t-tħaddim ta' komponenti komuni

- (b) il-koordinazzjoni ġenerali tal-iżvilupp u t-tħaddim tas-sistemi elettroniċi Ewropej bil-ħsieb li jinkisbu l-operabbiltà, ir-reżiljenza ċibernetika, l-interkonnnettività, it-titjib kontinwu u l-implimentazzjoni sinkronizzata tagħhom, u, bħala parti minn dik il-koordinazzjoni ġenerali, il-faċilitazzjoni ta' komunikazzjoni effiċjenti u rapida mal-Istati Membri u bejniethom dwar kwistjonijiet relatati ma' dawk is-sistemi;
- (c) il-koordinazzjoni tas-sistemi elettroniċi Ewropej fil-livell tal-Unjoni fid-dawl tal-promozzjoni u l-implimentazzjoni tagħhom fil-livell nazzjonali;
- (d) il-koordinazzjoni tal-iżvilupp u t-tħaddim tas-sistemi elettroniċi Ewropej fir-rigward tal-interazzjonijiet tagħhom ma' partijiet terzi, minbarra azzjonijiet imfassla biex jissodisfaw rekwiżiti nazzjonali;
- (e) il-koordinazzjoni tas-sistemi elettroniċi Ewropej ma' azzjonijiet rilevanti oħra relatati mal-gvern elettroniku fil-livell tal-Unjoni;
- (f) il-komunikazzjoni f'waqtha u trasparenti mal-partijiet ikkonċernati li jkunu involuti fl-implimentazzjoni tas-sistemi elettroniċi Ewropej fil-livelli tal-Unjoni tal-Istati Membri, b'mod partikolari dwar dewmien fl-implimentazzjoni tal-komponenti komuni u nazzjonali.

3. B'mod partikolari, l-Istati Membri għandhom jiżguraw dan li ġej:
- (a) l-iżvilupp u t-tħaddim ta' komponenti nazzjonali;
 - (b) il-koordinazzjoni tal-iżvilupp u t-tħaddim tal-komponenti nazzjonali fil-livell nazzjonali;
 - (c) il-koordinazzjoni tas-sistemi elettroniċi Ewropej ma' azzjonijiet rilevanti oħra relatati mal-gvern elettroniku fil-livell nazzjonali;
 - (d) il-forniment regolari ta' informazzjoni lill-Kummissjoni dwar il-miżuri meħuda biex l-awtoritajiet doganali jew l-operaturi ekonomiċi kkonċernati jkunu jistgħu jagħmlu użu sħiħ u effettiv mis-sistemi elettroniċi Ewropej;
 - (e) l-implimentazzjoni ta' sistemi elettroniċi Ewropej fil-livell nazzjonali.
4. Il-Kummissjoni għandha tippubblika u taġġorna b'mod regolari, għal finijiet ta' informazzjoni, lista indikattiva tas-sistemi elettroniċi Ewropej iffinanzjati taħt il-Programm.

Kapitolu V

Programmazzjoni, monitoraġġ, evalwazzjoni u kontroll

Artikolu 12

Programm ta' ħidma

1. Il-Programm għandu jiġi implimentat permezz ta' programmi ta' ħidma pluriennali kif imsemmija fl-Artikolu 110(2) tar-Regolament Finanzjarju.
2. Sabiex tiġi żgurata l-implimentazzjoni tal-Programm, u mingħajr preġudizzju għar-Regolament Finanzjarju, il-Kummissjoni għandha tadotta atti ta' implimentazzjoni li jistabbilixxu programmi ta' ħidma pluriennali. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 17(2).

3. Il-programmi ta' ħidma pluriennali għandu jkollhom l-għan li jiksbu l-objettivi stabbiliti fl-Artikolu 3 permezz tal-azzjonijiet f'konformità mal-Artikolu 7. Huma għandhom jistabbilixxu, fejn xieraq, l-ammont totali tal-pjan ta' finanzjament għall-azzjonijiet kollha, u għandhom jistabbilixxu:
- (a) għal kull azzjoni:
 - (i) l-objettivi segwiti u r-riżultati mistennija, f'konformità mal-objettivi ġenerali u speċifiċi stabbiliti fl-Artikolu 3;
 - (ii) deskrizzjoni tal-azzjonijiet li għandhom jiġu ffinanzjati;
 - (iii) fejn xieraq, indikazzjoni tal-ammont allokat għal kull azzjoni; u
 - (iv) il-metodu ta' implimentazzjoni u skeda ta' implimentazzjoni indikattiva;
 - (b) għall-għotjiet, ir-rata massima ta' kofinanzjament imsemmija fl-Artikolu 10(2), u fejn xieraq, il-kriterji essenzjali tal-għoti li għandhom jiġu applikati.

Artikolu 13

Monitoraġġ u rappurtar

1. L-indikaturi għar-rappurtar dwar il-progress magħmul mill-Programm lejn il-kisba tal-objettivi ġenerali u speċifiċi stabbiliti fl-Artikolu 3 huma elenkati fl-Anness II.

2. Biex tiżgura valutazzjoni effettiva tal-progress tal-Programm lejn il-kisba tal-għanijiet tiegħu, il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati, f'konformità mal-Artikolu 16, biex temenda l-Anness II fir-rigward tal-indikaturi meta dan ikun meqjus meħtieġ, kif ukoll biex tissupplimenta dan ir-Regolament b'dispożizzjonijiet dwar l-istabbiliment ta' qafas ta' monitoraġġ u ta' evalwazzjoni.
3. Is-sistema tar-rapportar dwar il-prestazzjoni għandha tiżgura li d-data għall-monitoraġġ tal-implimentazzjoni u r-risultati tal-Programm jinġabru b'mod effiċjenti, effettiv u fil-ħin. Għal dak il-għan, għandhom jiġu imposti rekwiżiti ta' rappurtar proporzjonati fuq dawk li jirċievu fondi mill-UE.

Artikolu 14

Evalwazzjoni

1. L-evalwazzjonijiet għandhom jitwettqu f'waqthom sabiex dawn ikunu jistgħu jintużaw fil-proċess tat-teħid tad-deċiżjonijiet.
2. Għandha titwettaq evalwazzjoni interim tal-Programm mill-Kummissjoni ladarba jkun hemm informazzjoni suffiċjenti disponibbli dwar l-implimentazzjoni tiegħu, iżda mhux aktar tard minn erba' snin wara l-bidu ta' dik l-implimentazzjoni. Fl-evalwazzjoni interim tagħha, il-Kummissjoni għandha tivvaluta l-prestazzjoni tal-Programm, inkluż aspetti bħall-effikaċja, l-effiċjenza, il-koerenza, ir-rilevanza, is-sinerġiji fil-Programm u l-valur miżjud tal-Unjoni.

3. Fi tmiem l-implimentazzjoni tal-Programm, iżda mhux aktar tard minn erba' snin wara t-tmiem tal-perijodu speċifikat fl-Artikolu 1, il-Kummissjoni għandha twettaq evalwazzjoni finali tal-Programm.
4. Il-Kummissjoni għandha tibgħat il-konklużjonijiet tal-evalwazzjonijiet, flimkien mal-osservazzjonijiet tagħha u t-tagħlimiet meħuda, lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Regġuni.

Artikolu 15

Ħarsien tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni

Meta pajjiż terz jieħu sehem fil-Programm permezz ta' deċiżjoni adottata skont ftehim internazzjonali jew abbażi ta' kwalunkwe strument ġuridiku ieħor, il-pajjiż terz għandu jagħti d-drittijiet u l-aċċess neċessarji meħtieġa biex l-uffiċjal ta' awtorizzazzjoni responsabbli, l-OLAF u l-Qorti Ewropea tal-Awdituri jeżerċitaw il-kompetenzi rispettivi tagħhom b'mod komprensiv. Fil-każ tal-OLAF, dawn id-drittijiet għandhom jinkludu d-dritt li jwettaq investigazzjonijiet, inkluż kontrolli u spezzjonijiet fuq il-post, kif previst fir-Regolament (UE, Euratom) Nru 883/2013.

Kapitolu VI

Eżerċizzju tad-delega u proċedura ta' kumitat

Artikolu 16

Eżerċizzju tad-delega

1. Is-setgħa ta' adozzjoni ta' atti delegati hija mogħtija lill-Kummissjoni soġġett għall-kondizzjonijiet stabbiliti f'dan l-Artikolu.
2. Is-setgħa ta' adozzjoni ta' atti delegati msemija fl-Artikolu 13(2) għandha tingħata lill-Kummissjoni sal-31 ta' Diċembru 2027. Il-Kummissjoni għandha tfassal rapport fir-rigward tad-delega ta' setgħa mhux iktar tard minn disa' xhur qabel dik id-data. Id-delega ta' setgħa għandha tiġi estiża awtomatikament għal perijodi ta' żmien identiċi, ħlief jekk il-Parlament Ewropew jew il-Kunsill joġġezzjonaw għal tali estensjoni mhux iktar tard minn tliet xhur qabel it-tmiem ta' kull perijodu.
3. Id-delega tas-setgħa msemija fl-Artikolu 13(2) tista' tiġi revokata fi kwalunkwe ħin mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill. Deċiżjoni ta' revoka għandha ttejjm id-delega tas-setgħa speċifikata f'dik id-deċiżjoni. Din għandha tidħol fis-seħħ l-għada tal-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* jew f'data aktar tard speċifikata fiha. Ma għandha taffettwa l-validità ta' ebda att delegat li diġà jkun fis-seħħ.

4. Qabel ma tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tikkonsulta lill-esperti maħtura minn kull Stat Membru f'konformità mal-prinċipji stabbiliti fil-Ftehim Interistituzzjonali tat-13 ta' April 2016 dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet.
5. Hekk kif tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tinnotifikah simultanjament lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.
6. Att delegat adottat skont l-Artikolu 13(2) għandu jidħol fis-seħħ biss jekk ma ssir l-ebda oġġezzjoni mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill fi żmien xahrejn min-notifika ta' dak l-att lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill jew, jekk qabel ma jiskadi dak il-perijodu, kemm il-Parlament Ewropew kif ukoll il-Kunsill ikunu għarrfu lill-Kummissjoni li mhux ser joġġezzjonaw. Dak il-perijodu għandu jiġi estiż b'xahrejn fuq l-inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill.

Artikolu 17

Proċedura ta' kumitat

1. Il-Kummissjoni għandha tiġi assistita minn kumitat imsejjaħ il-“Kumitat tal-Programm Dwana”. Dak il-kumitat għandu jkun kumitat fis-sens tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.
2. Meta ssir referenza għal dan il-paragrafu, għandu japplika l-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.

Kapitolu VII

Dispożizzjonijiet tranżizzjonali u finali

Artikolu 18

Informazzjoni, komunikazzjoni u pubbliċità

1. Ir-riċevituri ta' finanzjament mill-Unjoni għandhom jirrikonoxxu l-orijini ta' dawk il-fondi u jiżguraw il-viżibilità tal-finanzjament tal-Unjoni, b'mod partikolari meta jipromwovu l-azzjonijiet u r-riżultati tagħhom, billi jipprovdu informazzjoni mmirata koerenti, effettiva u proporzjonata lil diversi udjenzi, inkluż lill-media u lill-pubbliku.
2. Il-Kummissjoni għandha timplimenta azzjonijiet ta' informazzjoni u komunikazzjoni relatati mal-Programm, mal-azzjonijiet meħuda skont il-Programm u mar-riżultati miksuba.
3. Ir-riżorsi finanzjarji allokatu għall-Programm għandhom jikkontribwixxu wkoll għall-komunikazzjoni korporattiva tal-prijoritajiet politiċi tal-Unjoni, sakemm dawk il-prijoritajiet ikunu relatati mal-għanijiet imsemmija fl-Artikolu 3.

Artikolu 19

Tħassir

Ir-Regolament (UE) Nru 1294/2013 jiṥħassar b'effett mill-1 ta' Jannar 2021.

Artikolu 20

Dispożizzjonijiet tranżizzjonali

1. Dan ir-Regolament ma għandux jaffettwa l-kontinwazzjoni jew il-modifika tal-azzjonijiet mibdija skont ir-Regolament (UE) Nru 1294/2013, li għandu jibqa' japplika għal dawk l-azzjonijiet sal-għeluq tagħhom.
2. Il-pakkett finanzjarju għall-Programm jista' jkopri wkoll l-ispejjeż tal-assistenza teknika u amministrattiva meħtieġa biex tkun żgurata t-tranżizzjoni bejn il-Programm u l-miżuri adottati skont ir-Regolament (UE) Nru 1294/2013.
3. Jekk ikun meħtieġ, l-appropriazzjonijiet jistgħu jiddaħħlu fil-baġit tal-Unjoni lil hinn mill-2027 biex ikopru l-ispejjeż previsti fl-Artikolu 4(2), biex ikunu jistgħu jiġu ġestiti azzjonijiet li ma jkunux tlestew sal-31 ta' Diċembru 2027.

Artikolu 21
Dħul fis-seħħ

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Għandu japplika mill-1 ta' Jannar 2021.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Parlament Ewropew
Il-President

Għall-Kunsill
Il-President

ANNEX I

LISTA MHUX EŻAWRJENTI TA' FOR OM TA' AZZJONIJIET POSSIBBLI KIF IMSEMMIJA FIL-PUNTI (A), (B) U (D) TAL-EWWEL SUBPARAGRAFU TAL-ARTIKOLU 7(3)

L-azzjonijiet imsemmija fil-punti (a), (b) u (d) tal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 7(3) jistgħu inter alia jieħdu l-forom li ġejjin:

1. Laqgħat u avvenimenti ad hoc simili:

- seminars u workshops li ġeneralment jattendu għalihom parteċipanti mill-pajjiżi parteċipanti kollha u li fihom isiru preżentazzjonijiet u l-parteċipanti jkunu involuti f' diskussjonijiet intensivi dwar suġġett partikolari u f' attivitajiet relatati ma' suġġett partikolari;
- żjarat ta' ħidma, organizzata biex l-uffiċjali jkunu jistgħu jiksbu jew itejbu l-ħila esperta jew l-għarfien tagħhom f' materji doganali;

2. kollaborazzjoni strutturata bbażata fuq Proġett:

- gruppi ta' proġett, ġeneralment magħmul minn għadd limitat ta' pajjiżi parteċipanti, li jkunu operattivi għal perijodu ta' żmien limitat bl-iskop li jintlaħaq objettiv predefinit b' eżitu definit b' mod preċiż, inkluż koordinazzjoni jew valutazzjoni komparattiva;

- task forces, jiġifieri forom strutturati ta' kooperazzjoni, ta' natura permanenti jew mhux permanenti, li jlaqqgħu flimkien ħiliet esperti biex jitwettqu kompiti f' oqsma speċifiċi jew biex jitwettqu attivitajiet operazzjonali, possibbilment bl-appoġġ ta' servizzi ta' kollaborazzjoni online, assistenza amministrattiva u faċilitajiet ta' infrastruttura u tagħmir;
- attivitajiet ta' monitoraġġ, imwettqa minn timijiet konġunti magħmula minn uffiċjali tal-Kummissjoni u uffiċjali tal-awtoritajiet eliġibbli biex janalizzaw il-prattiki doganali, biex jidentifikaw kwalunkwe diffikultà fl-implimentazzjoni tar-regoli u, fejn ikun il-każ, biex jagħmlu suġġerimenti għall-adattament tar-regoli u l-metodi ta' ħidma tal-Unjoni;

3. azzjonijiet għat-tisħiħ tal-kompetenzi umani u ta' kapaċitajiet oħra:

- taħriġ komuni jew żvilupp tat-tagħlim elettroniku biex jappoġġaw l-akkwist tal-ħiliet u l-għarfien professjonali meħtieġa relatati mad-dwana;
- appoġġ tekniku, bl-għan li jittejbu l-proċeduri amministrattivi, tissaħħaħ il-kapaċità amministrattiva u jittejbu l-funzjonament u l-ħidmiet tal-awtoritajiet doganali permezz tal-iżvilupp u l-kondiviżjoni tal-aħjar Prattiki.

ANNEX II

INDIKATURI KIF IMSEMMIJA FL-ARTIKOLU 13(1)

Sabiex isir rapport dwar il-progress tal-Programm fil-kisba tal-objettivi ġenerali u speċifiċi stabbiliti fl-Artikolu 3, għandhom jintużaw l-indikaturi li ġejjin:

A. Tisħiħ tal-kapaċitajiet (kapaċità amministrattiva, umana u fl-IT):

1. l-Indiċi tal-Applikazzjoni u l-Implimentazzjoni tal-Liġi u l-Politika tal-Unjoni (l-għadd ta' azzjonijiet taħt il-Programm organizzati b'rabta mal-applikazzjoni u l-implimentazzjoni tad-dritt u l-politika tal-Unjoni fir-rigward tad-dwana u n-numru ta' rakkomandazzjonijiet maħruġa b'segwitu għal dawg l-azzjonijiet);
2. l-Indiċi tat-Tagħlim (l-għadd ta' moduli tat-tagħlim użati; l-għadd ta' uffiċjali mħarrġa u l-punteġġ tal-kwalità mogħti mill-parteċipanti);
3. id-disponibbiltà ta' sistemi elettroniċi Ewropej (f'termini ta' perċentwal ta' ħin);
4. id-disponibbiltà tan-Network Komuni ta' Komunikazzjoni (f'termini ta' perċentwal ta' ħin);

5. l-użu ta' sistemi elettroniċi Ewropej ewlenin immirati biex iżidu l-interkonnnettività u biex iwasslu għal unjoni doganali mingħajr l-użu ta' karti (għadd ta' messaġġi skambjati u konsultazzjonijiet imwettqa);
6. r-rata ta' tlestija tal-Kodiċi Doganali tal-Unjoni (KDU) (perċentwal tal-istadji importanti milħuqa fl-implimentazzjoni tas-sistemi elettroniċi tal-KDU);

B. Kondiviżjoni tal-għarfien u networking

1. l-Indiċi tar-Robustezza tal-Kollaborazzjoni (il-grad ta' networking iġġenerat, l-għadd ta' laqgħat wiċċ imb'wiċċ, u l-għadd ta' gruppi ta' kollaborazzjoni online);
2. indiċi tal-Aħjar Prattiki u Linji Gwida (l-għadd ta' azzjonijiet taħt il-Programm organizzati b'rabta mal-applikazzjoni u l-implimentazzjoni tal-aħjar prattika u l-linji gwida li jirrigwardaw id-dwana u l-perċentwal ta' parteċipanti li għamlu użu minn linji gwida dwar il-prattiki ta' ħidma li ġew żviluppati bl-appoġġ tal-Programm).

